MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 365/2009

Kawza fil-lista: 14

**A B**

**vs**

**C D E C F**
**u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2010 Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati biex jirraprezentaw lill-istess C D E C F assenti minn Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremetiet: li hija zzewget lill-intimat fir-Registru Pubbliku fit-23 ta' Jannar 2002; li hija zzewget lill-intimat mhux ghax verament hekk riedet taghmC, izda sempliciment ghax il-

genituri taghha kienu keccewha mid-dar, kienet imfixkla u dak iz-zmien iltaqghet ma' persuna ta' nazzjonalita Gharbija li hajjarha biex tizzewweg u jekk taghmC hekk kienet ser tiggwadanja Lm500, u b'hekk l-intimat setgha jakkwista c-cittadinanza Maltija; illi z-zwieg tal-kontendenti qatt ma gie kkunsmat ghalkemm ghamlu xi perjodi jghixu taht l-istess saqaf; illi ghalhekk iz-zwieg cCebrat fit-23 ta' Jannar 2002 huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga; illi z-zwieg cCebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-Cementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Semghet lill-attrici tixhed illi l-konvenut jinsab assenti minn Malta u ghaldaqstant b'digriet tat-23 ta' Marzu 2010 Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Liliana Buhagiar gew nominati biex jirraprezentaw lill-istess C D E C F f'dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputi l-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar fejn dawn iddikjaraw illi huma m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta' Jannar 2002, huwa null fil-ligi ai termini tal-artikolu 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

L-attrici spjegat kif hija zzewget lill-intimat sempliciment ghax il-genituri taghha kienu keccewha mid-dar peress li

kienet tehdilhom il-flus sabiex tixtri d-droga li kienet tiehu b'mod regolari.

Kienet imfixkla, minghajr saqaf fuq rasha u ltaqghet ma' persuna ta' nazzjonalita` Gharbija li hajjarha tizzewweg lil habib tieghu u cioe lill-intimat, wkoll ta' nazzjonalita` Gharbija, sabiex dan seta' jakkwista nazzjonalita` Maltija. Jekk taghmC dan hija setghet takkwista Lm500.

Fil-fatt, hija ltaqghet mal-intimat darba gewwa cafetteria il-BCt u zzewgitu fit-23 ta' Jannar 2002. Iz-zwieg kien nieqes minn kwalsiasi rispett jew imhabba reciproka.

Minkejja li l-partijiet ghamlu xi zmien jghixu taht l-istess saqaf, iz-zwieg taghhom qatt ma gie kkunsmat u kienu jghixu hajja totalment separati minn xulxin.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-partijiet qatt ma kClhom l-intenzjoni li jghixu l-hajja konjugali u l-uniku skop li ghalih izzewgu kien min-naha tal-attrici ghall-flus u min-naha tal-intimat sabiex jottjeni l-permess tar-residenza f'Malta u xejn iktar. Ghalhekk esternament huma ghaddew minn cerimonja ta' zwieg izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta` taghhom huma eskludew l-obbligi essenzjali ghall-hajja konjugali u senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-artikoli 19(1)(f) tal-Kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Jannar 2002.

L-ispejjez ikunu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------